8 ta' Novembru, 1957

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Anthony Bezzina *versus* Gerald Mamo

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Mandat — Morożità fil-Ħlas tal-Kera**

*Fil-każ ta' żewġ inkwilini ta' fond, jekk wieħed minnhom ikun sprovvist mil-mezzi u jiddependi kompletament mill-inkwilin l-ieħor għall-manteniment u għall-ħlas tal-kera, fil-fatt l-inkwilin l-ieħor ikun qiegħed jassumi d-dejn tal-kera kollu; u fir-rapporti ma' sid il-kera*

*dan l-inkwilin l-ieħor ikun jidher għall-inkwilin sprovvist mill-mezzi bħala mandatorju taċitu tiegħu.*

*F'każ simili, l-interpellanzzjonijiet għall-ħlas tal-kera li jkunu saru missid lil dak l-inkwilin l-ieħor, li kien jittratta mas-sid fl-interess komuni, huma suffiċjenti għall-finijiet tal-morożità taż-żewġ inkwilini; u għalhekk l-interpellazzjonijiet magħmula lill-inkwilin li fil-fatt kien iħallas il-kera kollu huma suffiċjenti; u l-inkwilin li hu sprovvist millmezzi ma jistax jopponi b'suċċess it-talba tas-sid għall-iżgumbrament taż-żewġ inkwilini minħabba morożità fil-ħlas tal-kera billi jallega li hu ma kienx ġie nterpellat għal dan il-ħlas.*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Anthony Bezzina quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li bih talab li jerġa' jieħu taħt idejh il-fond numru 606 High Street, Ħamrun, mikri lil-intimat, peress illi dan naqas milli jħallas disgħa rati konsekuttivi tal-kera, u, għalkemm ġie mitlub biex iħallas ħafna drabi, għandu jagħti l-kera mit-28 ta' Frar 1954 l-hawn;

Rat il-verbal tal-10 ta' Novembru 1956, fejn l-intimat eċċepixxa li r-rikors kellu jsir in kontestazzjoni mhux biss tiegħu, imma anki in kontestazzjoni ta' oħtu Aristea Mamo;

Rat id-deċiżjoni tal-Board, li biha, fuq l-eċċezzjoni ta' l-intimat, ġie dikjarat li l-ġudizzju mhux integru, u ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża ta' l-imsemmija Aristea Mamo; spejjeż riżervati;

Rat il-verbal tat-3 ta' Lulju 1957, fejn l-imsejħa filkawża Aristea Mamo eċċepiet li hi qatt ma ġiet interpellata għall-ħlas tal-kera;

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tal-24 ta' Lulju 1957, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-imsejħa fil-kawża u milqugħa t-talba tar-rikorrent, u ġie mogħti lill-intimat u lill-imsejħa fil-kawża xahar żmien biex jiżgumbraw, bl-ispejjeż terz (⅓) għar-rikorrent, terz (⅓) għall-imsejħa fil-kawża, u terz (⅓) għall-intimat; billi l-Board ikkunsidra;

Illi rriżulta li fil-fond imsemmi fir-rikors dari kienu joqgħodu missier u omm l-intimat, u dan u oħtu, l-imsejħa

fil-kawża. Fl-1946 miet missierhom, u fl-20 ta' Ġunju 1955 mietet ommhom; u l-intimat u oħtu, l-imsejħa fil-kawża, baqgħu joqgħodu fil-post. Għalhekk huma t-tnejn inkwilini tal-post. L-imsejħa fil-kawża, però, kif xehdet hija stess, ma għandha ebda beni proprji, u l-kera jrid jitħallas minn ħuha l-intimat. Infatti, hija xehdet illi huwa joħroġ il-flus għall-ħajja, u huwa qatt ma talabha tikkontribwixxi ebda parti għall-kera. Għalhekk l-intimat ġie kunsidrat bħala l-kap tad-dar anki mill-imsejħa fil-kawża, u l-interpellazzjonijiet magħmula lilu mir-rikorrent għall-ħlas tal-kera għandhom jiġu kunsidrati suffiċjenti. Ma hux verosimili, kif xehdet l-imsejħa fil-kawża, li ħuha l-intimat qatt ma qalilha bir-rikjesti tar-rikorrent għall-ħlas tal-kera. Però, apparti dak li ntqal fuq, anki l-kjamata in kawża ġiet interpellata darbtejn għall-ħlas tal-kera, darba b'ittra uffiċjali, skond kif xehed l-intimat, li qal: — "Niftakar li kienet saret ittra uffiċjali l-ewwel kontra tiegħi biss, imbagħad kontra tiegħi, il-mamà u oħti"; u darb'oħra bl-ittra tat-12 ta' Novembru 1954, li ġiet eżibita;

Mill-provi rriżulta li r-rikorrent ilu ma jirċievi kera minn għand l-intimat jew il-kjamata in kawża mit-18 ta' Frar 1954, malgrado r-rikjesti tiegħu. Għalhekk l-intimat u l-imsejħa fil-kawża ma humiex puntwali fil-ħlas tal-kera, u r-rikorrent huwa intitolat jitlob li jerġa' jieħu taħt idejh il-fond skond l-art. 10 (1) tal-Kap. 109;

Rat ir-rikors ta' l-intimat u l-imsejħa fil-kawża, li bih dawn appellaw mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera tal-24 ta' Lulju 1957, u talbu r-revoka tas-sentenza appellata u ċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Board laqa' t-talba tar-rikorrent billi rritjena li l-interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-kera magħmula lill-appellant Gerald Mamo, u mhux lill-oħtu Aristea wkoll, kienu suffiċjenti għall-finijiet tal-morożità, peress li kien huwa li kien jipprovdi l-mezzi tal-għajxien u għad-dar, u kien għalhekk kunsidrat bħala kap tad-dar ukoll minn oħtu Aristea,

li kienet sprovvista mill-mezzi. B'daqshekk il-Board interpreta l-liġi u enunċja prinċipju ta' dritt; u għalhekk, fuq dan, is-sentenza hija appellabbli;

Il-Board irritjena wkoll li fil-fatti kien hemm ukoll żewġ interpellazzjonijiet lil Aristea Mamo. Dan huwa apprezzament ta' fatti;

Fuq il-pont ta' dritt fuq imsemmi l-Qorti tirrileva li, ġa ladarba l-imsejħa fil-kawża kienet sprovvista mill-mezzi u kienet tiddependi kompletament minn ħuha Gerald għall-manteniment u għall-ħlas tal-kera, fil-fatti Gerald Mamo kien qiegħed jassumi d-dejn kollu tal-kera, u fir-rapporti ma' sid il-kera kien jidher għal oħtu bħala mandatarju taċitu. U tabilħaqq, mill-korrispondenza eżibita jidher ċar li huwa kien jittratta fuq il-kera mas-sid fl-interess komuni, u mhux tiegħu waħdu. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-kera li saru lil Gerald Mamo kienu suffiċjenti għall-finijiet tal-morożità ta' l-appellanti t-tnejn, peress li oħtu kienet il-mandanti taċita ta' ħuha in kwantu għall-kera u r-rapporti mas-sid. Għaldaqstant, fis-sens li ntqal, il-Board sewwa qata' fis-sentenza li l-interpellazzjonijiet li saru lil Gerald Mamo kienu suffiċjenti wkoll għal Aristea Mamo. U ladarba fuq dan il-pont ta' dritt il-Qorti taqbel mal-Board, din il-Qorti ma tidħolx fil-meritu ta' l-apprezzament tal-provi rigward iż-żewġ interpellazzjonijiet li l-Board, tajjeb jew ħażin, irritjena li kien hemm ukoll lil Aristea Mamo;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Previja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità, bl-ispejjeż kontra l-appellat;

Il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti; iżda tordna li t-terminu ta' l-iżgumbrament jibda mil-lum.